

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 96/2020

tal-14 ta' Lulju 2020

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/1356]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1293 tad-29 ta' Lulju 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 rigward il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi fl-Anness II u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-klieb, għall-qtates u għall-inmsa stabbilit fl-Anness IV ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar annimali ħajjin li mhumiex ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġislazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttoria tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt 10a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 577/2013) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

— **32019 R 1293:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1293 tad-29 ta' Lulju 2019 (ĠU L 204, 2.8.2019, p. 3)."

2. Jiżdied l-adattament li ġej:

"(d) Għal perjodu tranżitorju ta' erba' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 96/2020 tal-14 ta' Lulju 2020, il-Partijiet Kontraenti għandhom jawtorizzaw id-dħul ta' klieb, qtates u inmsa li jiddaħħlu f'Parti Kontraenti minn territorju jew pajjiż terz għal skopijiet mhux kummerċjali u akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mhux aktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 96/2020 tal-14 ta' Lulju 2020 f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness IV."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1293 bil-lingwa Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

(¹) ĠU L 204, 2.8.2019, p. 3.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2020.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Sabine MONAUNI

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.